Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8647 — Värde/Fraikin)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 406/06)

1. Fit-23 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Värde Partners, Inc ("Värde", l-Istati Uniti tal-Amerika),

— Financière Truck Investissement ("Fraikin", Franza).

Värde takkwsita, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Fraikin kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Värde: kreditu u strateġiji ta' investiment fil-valur, b'għarfien espert fil-qasam tas-shubija mal-istituzzjonijiet finanzjarji f'għadd ta' ġuriżdizzjonijiet madwar id-dinja. Hija tipprovdi servizzi ta' investiment lil firxa wiesgħa ta' investituri inklużi fondazzjonijiet u dotazzjonijiet, pjanijiet tal-pensjoni, kumpaniji tal-assikurazzjoni, investituri istituzzjonali oħrajn u klijenti privati,

— għal Fraikin: il-kumpanija prinċipali tal-grupp Fraikin, attiva fil-forniment ta' servizzi tal-kiri għal perjodu ta' żmien qasir u twil ta' vetturi tal-passiġġieri u vetturi industrijali għal klijenti tan-negozju. Fraikin toffri wkoll il-ġestjoni tal-flotta, servizzi ta' kiri għas-sewwieqa u t-taħriġ tas-sewwieqa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8647 — Värde/Fraikin

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.